# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# IT-TIELET PARTI

**17 ta' Jannar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Noel V. Arrigo B.A., LL.D.**

Karmenu Lia *et*

*versus*

Anthony Lia

## Donazzjoni - Produzzjoni ta' Provi

*It-talba għall-esebizzjoni ta' dokumenti tista' ssir f'kull waqt tal-kawża sakemm il-provi jkunu għadhom jistgħu jinġiebu. Wara l-għeluq tas-smigħ tal-kawża ma jistgħux jinġiebu provi oħra ħlief għal raġuni tajba u bil-permess tal-Qorti.*

*Wieħed mill-elementi neċessarji għall-kuntratt ta' donazzjoni huwa dak ta' l-*animus donandi. *Skond il-liġi l-kuntratt ta' donazzjoni huwa null jekk m'hemmx bżonn att pubbliku. B'danakollu, m'hemmx bżonn att pubbliku f'każ ta' rigali li jingħataw minn id għal id ta' flus jew ta' ħwejjeġ, mobbli korporali jew ta' titolu għall-*portatur *jekk is-somma jew il-valur tagħhom ikun żgħir meta jitiqes il-kondizzjonijiet tal-persuna u ċirkostanzi oħra.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-attur fit-22 ta' Frar, 1994 li permezz tagħha ppremetta:

Illi Carmelo, Emanuel u Grazio Lia u Maria Micallef u Doris Privitelli huma ħamsa minn sitt eredi ta' ħuhom Angelo Lia li miet fit-28 ta' Diċembru, 1991;

Illi fost l-assi ta' Angelo Lia kien hemm depositu ta' Lm8,600 fil-Bank of Valletta Ltd.;

Illi wara l-mewt ta' Angelo Lia l-esponenti ġew infurmati li ftit jiem qabel ma miet l-istess Angelo Lia l-konvenut żbanka l-imsemmija somma ta' Lm8,600 u żammhom hu, in kwantu allega li dan l-ammont kien mogħti lilu b'donazzjoni;

Illi ma rriżulta ebda att pubbliku li permezz tiegħu l-imsemmi Angelo Lia ta' b'donazzjoni l-imsemmija flus lill-konvenut;

Talab li l-istess konvenut jgħid għaliex din il-Qorti ma għandhiex:

Tikkundannah sabiex jirrestitwixxi lill-atturi sehemhom mill-imsemmija somma ta' flus ċjoe' l-ammont ta' Lm7,166.66 inkwantu għas-somma ta' Lm1,433 kull wieħed, liema ammont ġie abbużivament u illegalment miżmum mill-konvenut kif fuq premess;

Bl-ispejjeż inklużi ta' l-ittra uffiċjali ddatata t-23 ta' April, 1993 u tal-mandati ppreżentati kontestwalment ma' dana l-att u

interessi legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tagħhom u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fil-11 ta' Marzu, 1994 fejn eċċepixxa:

Illi l-pretensjonijiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-isejjeż stante li Angelo Lia għamel donazzjoni lill-konvenut tas-somma indikata;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentat tiegħu u l-lista tax-xhieda;

Rat ix-xhieda tal-partijiet ippreżentata permezz ta' l-affidavits u l-kontro-eżami ta' xi wħud minn din ix-xhieda;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet rispettivi;

Rat ir-rikors ta' l-atturi ppreżentat fid-9 ta' Jannar, 1995;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-partijiet tramite l-avukati tagħhom;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwelnett dina l-Qorti ta' bilfors trid tiddetermina l-kwistjoni mqajma fir-rikors fuq imsemmi. F'dan ir-rikors l-atturi

qegħdin jitolbu l-isfilz tan-nota responsiva tal-konvenut għax, isostnu huma, dina mhijiex nota ta' osservazzjonijiet iżda xhieda tal-konvenut li permezz tagħha huwa wkoll esebixxa xi dokumenti meta l-kawża kienet diġa` ddifferita għas-sentenza;

Mill-eżami ta' l-istess nota responsiva l-Qorti tasal għall-konklużjoni li, minkejja li dina ġiet ippreżentata bil-ġurament ta' l-istess konvenut, ma tikkostitwix xhieda tiegħu. Infatti hija trattazzjoni fuq il-fatti u l-punti legali, li huwa proprju l-iskop ta' nota ta' osservazzjonjiet u għalhekk dina l-Qorti ma jidhrilhiex li għaldaqshekk għandha tordna l-isfilz tagħha għar-raġni biss li fil-prinċipju hemm li l-konvenut qed jippreżentah bil-ġurament tiegħu. Għal kull *buon fini* pero`, jiġi ddikjarat li, *in ogni caso*, anke kieku kienet xhieda ta' l-istess konvenut, dina żgur ma kinitx ser taffettwa l-meritu tal-każ għax il-partijiet minn xhieda preċedenti fl-istess kawża, kienu qablu perfettament kif ġraw il-fatti u għalhekk id-deċiżjoni preżenti għandha tkun ibbażata fuq argumentazzjonijiet legali;

Hija forsi iktar problematika li ma' dina n-nota responsiva l-konvenut esebixxa xi dokumenti meta il-provi suppost kienu ngħalqu u dawn l-istess dokumenti ma ġewx innotifikati lill-esponent;

Dwar in-nuqqas ta' notifika, dina l-Qorti jidhrilha li dawn l-istess dokumenti jidhru *prima facie* li huma awtentiċi. Dwar il-prova permezz ta' dokumenti u f'liema stadju jistgħu jinġiebu, hekk jgħid l-artikolu 642 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12:

"It-talba għall-esebizzjoni ta' dokumenti tista' ssir f'kull waqt

tal-kawża, sakemm il-provi jkunu għadhom jistgħu jinġiebu";

Imbagħad l-artikolu 206 ta' l-istess Kodiċi hekk jgħid:

Sub-artikolu 1: "Is-smigħ tal-kawża jingħad magħluq bil-kontro-replika, kemm-il darba l-partijiet jew l-avukati tagħhom ma jkunux imsejħa mill-Qorti biex jagħtu spjegazzjonijiet oħra jew ma jkunx, f'każijiet speċjali, ingħata lilhom il-permess li jagħmlu xi osservazzjonijiet partikolari";

Sub-artikolu 2: "Wara l-għeluq tas-smigħ tal-kawża, ma jistgħux jinġiebu provi oħra ħlief għar-raġuni tajba u bil-permess tal-Qorti". Dana l-artikolu 206 ovvjament jikkwalifika l-artikolu fuq ċitat 642;

Apparti milli l-Qorti tat il-fakolta' lill-partijiet li jagħmlu l-osservazzjonijiet partikolari, hija jidhrilha li, għar-raġunijiet li jingħataw iktar 'il quddiem, hemm raġuni tajba l-għala dawn id-dokumenti għandhom jiġu aċċettati;

Dwar il-meritu tal-każ, il-fatti mhumiex ikkontestati. Jirriżulta li kien hemm jew żewġ kotba mal-Bank of Valletta, wieħed ta' ħamest elef lira maltija (Lm5,000) u ieħor ta' tlett elef u sitt mitt lira maltija (Lm3,600) jew ktieb wieħed li inizjalment kellu ħamest elef lira maltija fih (Lm5,000) u mbagħad żdiedet is-somma ta' tlett elef u sitt mitt lira maltija (Lm3,600) fih;

Dan il-fatt huwa immaterjali. Li huwa materjali huwa li anke b'ammissjoni ta' l-istess konvenut, dina s-somma li kienet tappartjeni lill-mejjet Angelo Lia ġiet miżmnuma minnu, għax hu jsostni li dina ġiet mogħtija lilu permezz ta' donazzjoni. L-istess

Angelo Lia skond testment li huwa għamel ħalla bħala eredi ħames minn sitt partijiet lill-atturi f'din il-kawża. Il-konvenut huwa iben l-eredi l-ieħor;

Hekk xehed il-konvenut bl-affidavit tiegħu fit-30 ta' Awissu, 1994;

"Ngħid li jiena wegħedtu li nagħmel minn kollox biex dan isir. Huwa qalli li kellu xi flus il-Bank of Valletta u li ried jagħmel prokura biex inkun nista' neħodhom jien. Huwa ried jagħti dawn il-flus lili;

Ngħid li fil-fatt, għall-bidu ta' Diċembru, 1991, iz-ziju tiegħi Angelo Lia, tagħni prokura biex inkun nista' niġbed il-flus mill-Bank of Valletta. Dina l-prokura, iz-ziju iffirmaha quddiem ix-xhieda l-Onorevoli Joe Mizzi, li jiena kont tlabtu biex jiġi jarah u jkun xhud għall-firma";

Lanqas ma hu kkontestat li l-mejjet Angelo Lia fil-fatt ħalla dina l-prokura lill-konvenut u li dina ġiet iffirmata quddiem l-Onorevoli Joe Mizzi, għax hekk xehed l-istess Joe Mizzi fl-affidavit tiegħu tat-30 ta' Awissu, 1994;

Pero`, li huwa rilevanti ħafna għal dan il-każ huwa, li l-istess Joe Mizzi, li kien preżenti meta saret dina l-prokura jixhed biss li l-konvenut seta' jiġbed il-flus mill-Bank of Valletta;

Fl-ebda mument mix-xhieda tiegħu, ma jindika li kien hemm l-intenzjoni tal-mejjet biex jagħmel donazzjoni ta' dawn il-flus lill-konvenut. U hawn il-Qorti issib l-ewwel mid-diversi nuqqasijiet fl-argumentazzjoni legali ta' l-istess konvenut;

Dan l-ewwel nuqqas hu li l-konvenut ma rnexxilux jipprova l-*animus donandi*, li huwa wieħed mill-elementi neċessarji biex wieħed jista' jitkellem fuq il-kuntratt ta' donazzjoni;

Jirriżulta invece lil dina l-Qorti, mix-xhieda li ġew prodotti, li l-mejjet ried jagħti prokura lill-konvenut biex jiġbor xi flus li huwa kellu l-Bank of Valletta, biex dana bħala mandatarju tiegħu jkun jista' jagħmel arranġamenti biex jixtri qabar biex il-mejjet ikun jista' jindifen ma' martu li kienet mietet xi sentejn qablu;

Fil-fehma ta' dina l-Qorti dan kien l-iskop tal-prokura u dana huwa ammess mill-istess konvenut f'parti min-nota ta' l-osservazzjoni tiegħu;

Pero' apparti illi m'hemmx l-elementi neċessarji għall-kuntratt ta' donazzjoni fis-sustanza tiegħu, lanqas ma hemm l-elementi rikjesti mil-liġi għall-formola ta' l-istess kuntratt;

L-artikolu 1753 tal-Kodiċi Ċivili Kapitolu 16 hekk jipprovdi:

Sub-artikolu I "Id-donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku";

Sub-artikolu 2: "Iżda id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 1 ta' dan l-artikolu ma jgħoddux" - Sub-inċiż (a): "għal rigali li jingħataw minn id għal id ta' flus jew ta' ħwejjeġ, mobbli korporali oħra jew ta' titolu għall-portatur, jekk is-somma jew il-valur tagħhom ikun żgħir meta jitqies il-kondizzjonijiet tal-persuna u ċirkostanzi oħra";

Apparti milli l-Qorti ma taqbilx ma' l-argumentazzjoni tal-konvenut li fil-fatt fil-każ preżenti kien hemm it-*traditio* rikjest mil-

liġi f'każ ta' somom żgħar skond kif huwa rikjest mis-subartikolu 2(a) u kif ġie ddetenut mill-ġurisprudenza u awturi kkwotati mill-istess konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, lanqas ma jista' wieħed jingħad li meħud il-persuni u ċ-ċirkostanzi, il-valur huwa żgħir. Skond il-provi li ġew prodotti s-somma involuta f'din il-kawża hija parti sostanzjali mill-assi ta' l-istess *decujus*;

Dina l-Qorti assolutament ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni li l-konvenut qed jagħti lis-subartikolu 2 (a) ta' l-artikolu 1753 meta dina titkellem fuq il-kondizzjoni tal-persuna u ċirkostanzi oħra;

Dawn iż-żewġ kwalifikazzjonijiet huma relatati ma' ġudizzju fuq jekk is-somma hijiex żgħira jew kbira;

Iċ-ċirkostanzi l-oħra ma jistgħux jiġu interpretati bħala ċirkostanzi li jiddipartixxu minn kwalifika tal-*quantum* tas-somma u ma jistgħu qatt, kif inhu miktub l-artikolu in kwistjoni, jiġu interpretati li jistgħu jirreferixxu għal relazzjoni personali li kienet teżisti bejn dak li qed jagħti d-donazzjoni u dak li qed jirċeviha;

Dawn iċ-ċirkostanzi personali u partikolarment is-serviġi li l-konvenut kien għamel mal-mejjet, jistgħu f'ċerti ċirkostanzi jwasslu lill-istess konvenut li jagħmel talba f'kawża *ad hoc*, biex jiġi kkompensat għal dawn is-serviġi li hu fil-fatt għamel;

U l-Qorti qiegħda minn issa tirriservalu dina l-azzjoni;

Dwar l-ispejjeż li fil-fatt għamel il-konvenut biex jikkompleta l-inkarigu lilu mogħti, li jammontaw għas-somma ta' Lm438, il-Qorti jidhrilha li dawn għandhom jonqsu mis-somma ta' Lm8,600 qabel ma dina s-somma tiġi diviża bejn l-eredi tad-*decujus*, stante

li jirriżulta li dina s-somma ntefqet mill-konvenut b'inkarigu espliċitu ta' l-istess *decujus*, liema inkarigu kellu jiġi kkompletat speċifikament wara l-mewt ta' l-istess mandanti;

Dina s-somma diviża b'sitta ġġib l-ammont ta' Lm73 għal kull eredi u għaldaqstant l-ammont mitlub irid jonqos minn Lm1433 għal Lm1360;

Pero`, apparti minn dan u għar-raġunijiet fuq mogħtija, dina l-Qorti qiegħda tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-atturi sehemhom mill-imsemmija somma ta' flus u ċjoe` s-somma ta' Lm1,360 kull wieħed komplessivament sitt elef u tmien mitt lira maltija (Lm6,800), bir-riserva li dina l-Qorti għamlet preċedentement;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenut u bl-imgħax legali min-notifika ta' dina ċ-ċitazzjoni stante li ma nġabet ebda prova ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' April, 1993.